# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 159

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

22 ta' Ġunju 2018


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/889 tal-4 ta' Ġunju 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu** ............. 1

**Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu** ............................................ 3

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/890 tal-4 ta' Ġunju 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu** ................................................................................ 15

**Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu** 17


REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/891 tal-21 ta' Ġunju 2018 li jistabbilixxi l-livelli massimi tal-baġit għall-2018 applikabbli għal ċerti skemi diretti ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** .................. 21

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/892 tas-21 ta' Ġunju 2018 dwar il-prezz minimu għax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat għall-wieħed u għoxrin sejħa parzjali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2080 30


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/893 tat-18 ta' Ġunju 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) u l-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 għall-Ftehim ŻEE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)** ([1]) ..... 31

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/894 tal-21 ta' Ġunju 2018 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri** *(notifikata bid-dokument C(2018) 4007)* ([1]) ..... 37


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/889

**tal-4 ta' Ġunju 2018**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1913 [2], il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu [3] ("il-Konvenzjoni") ġiet iffirmata fit-22 ta' Ottubru 2015, soġġett għall-konklużjoni tagħha.

(2) L-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni jipprevedi li l-Konvenzjoni tkun miftuħa għall-iffirmar tal-Unjoni.

(3) Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] stabbilixxiet regoli komuni tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Għaldaqstant, l-Unjoni diġà adottat miżuri f'oqsma differenti koperti mill-Konvenzjoni.

(4) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi approvata f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni sa fejn il-Konvenzjoni tista' taffettwa dawk ir-regoli komuni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sa fejn il-Konvenzjoni ma taffettwax ir-regoli komuni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

(5) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI [5] u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

---

[1] Approvazzjoni tat-18 ta' April 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1913 tat-18 ta' Settembru 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 196) (ĠU L 280, 24.10.2015, p. 22).
[3] CETS Nru. 196.
[4] Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).
[5] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni ([1]).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ġunju 2018.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
T. TSACHEVA

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Unjoni Ewropea ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

# IL-KONVENZJONI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA DWAR IL-PREVENZJONI TAT-TERRORIŻMU

Varsavja, is-16 ta' Mejju 2005

L-ISTATI MEMBRI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA U L-FIRMATARJI L-OĦRA TA' DAN,

Wara li kkunsidraw li l-Kunsill tal-Ewropa għandu l-għan li jżid l-għaqda fost il-membri tiegħu;

Filwaqt li jagħrfu l-valur tat-tisħiħ tal-koperazzjoni mal-Partijiet l-oħra għal din il-Konvenzjoni;

Filwaqt li jixtiequ jieħdu miżuri effettivi sabiex jipprevjenu t-terroriżmu u biex jegħlbu, b'mod partikolari, il-provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi u reklutaġġ u taħriġ għat-terroriżmu;

Konxji mit-tħassib serju minħabba ż-żieda fir-reati terroristiċi u ż-żieda fit-theddid terroristiku;

Konxji mis-sitwazzjoni prekarja ta' dawk li jsofru mit-terroriżmu, u f'dan ir-rigward jaffermaw mill-ġdid is-solidarjetà qawwija tagħhom mal-vittmi tat-terroriżmu u l-familji tagħhom;

Filwaqt li jirrikonoxxu li reati terroristiċi u reati kontemplati f'din il-Konvenzjoni, saru minn min saru, ma huma taħt l-ebda ċirkostanza ġustifikabbli minn konsiderazzjonijiet ta' natura politika, filosofika, ideoloġika, razzjali, etnika, reliġjuża jew ta' xorta oħra ta' natura simili, u filwaqt li jfakkru fl-obbligu tal-partijiet kollha li jipprevjenu reati bħal dawn u, jekk ma jipprevjenuhomx, li jwettqu l-prosekuzzjoni tagħhom u jiżguraw li dawn ikunu punibbli b'pieni li jieħdu kont tan-natura gravi tagħhom;

Filwaqt li jfakkru fil-ħtieġa li tissaħħaħ il-ġlieda kontra t-terroriżmu u jaffermaw mill-ġdid li l-miżuri kollha meħuda biex jipprevjenu jew irażżnu reati terroristiċi jridu jirrispettaw l-istat tad-dritt u l-valuri demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll dispożizzjonijiet oħra tal-liġi internazzjonali, inkluż, fejn applikabbli, il-liġi umanitarja internazzjonali;

Filwaqt li jirrikonoxxu li din il-Konvenzjoni mhix intenzjonata li taffettwa prinċipji stabbiliti li jirrelataw mal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-assoċjazzjoni;

Filwaqt li jfakkru li atti ta' terroriżmu għandhom l-għan min-natura jew il-kuntest tagħhom li serjament jintimidaw popolazzjoni jew iġiegħlu lil gvern jew organizzazzjoni internazzjonali jwettqu jew jastjenu milli jwettqu kwalunkwe att jew jiddistabilizzaw serjament jew jeqirdu l-istrutturi fundamentali politiċi, kostituzzjonali, ekonomiċi jew soċjali ta' pajjiż jew ta' organizzazzjoni internazzjonali;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

## Terminoloġija

1. Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, it-terminu "reati terroristiċi" jfisser kwalunkwe reat fl-ambitu ta' wieħed mit-trattati elenkati fl-Appendiċi u kif definit fih.

2. Meta jiġi ddepożitat l-istrument tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, Stat jew il-Komunità Ewropea li ma jkunux parti għal trattat elenkat fl-Appendiċi jistgħu jiddikjaraw li, fl-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għall-Parti kkonċernata, dak it-trattat għandu jitqies li ma jkunx inkluż fl-Appendiċi. Din id-dikjarazzjoni għandha tieqaf milli jkollha effett malli t-trattat jidħol fis-seħħ għall-Parti li tkun għamlet tali dikjarazzjoni, li għandha tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa b'dan id-dħul fis-seħħ.

*Artikolu 2*

## Għan

L-għan ta' din il-Konvenzjoni huwa li ssaħħaħ l-isforzi tal-Partijiet fil-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-effetti negattivi tiegħu fuq it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja, kemm permezz ta' miżuri li għandhom jittieħdu f'livell nazzjonali kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali, b'kunsiderazzjoni xierqa għat-trattati jew ftehim multilaterali jew bilaterali applikabbli eżistenti bejn il-Partijiet.

*Artikolu 3*

**Politiki nazzjonali ta' prevenzjoni**

1. Kull Parti għandha tieħu miżuri xierqa, partikolarment fil-qasam tat-taħriġ għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u korpi oħra, u fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kultura, l-informazzjoni, il-midja u l-bini ta' għarfien pubbliku, bil-għan li jiġu evitati reati terroristiċi u l-effetti negattivi tagħhom filwaqt li jiġu rispettati l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem kif stipulati, fejn applikabbli għal dik il-Parti, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u obbligi oħrajn tal-liġi internazzjonali.

2. Kull Parti għandha tieħu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa biex itejbu u jiżviluppaw il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali bil-għan li jiġu evitati reati terroristiċi u l-effetti negattivi tagħhom billi, *inter alia*:

a. tiskambja t-tagħrif;

b. ittejjeb il-protezzjoni fiżika tal-persuni u l-faċilitajiet;

c. itejjeb it-taħriġ u l-pjanijiet ta' koordinazzjoni għall-emerġenzi ċivili.

3. Kull Parti għandha tippromwovi t-tolleranza billi tinkoraġġixxi djalogu interkulturali u bejn ir-reliġjonijiet li jinvolvi, fejn xieraq, organizzazzjonijiet mhux governattivi u elementi oħrajn tas-soċjetà ċivili bil-għan li jiġu evitati t-tensjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għat-twettiq ta' reati terroristiċi.

4. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tippromwovi l-għarfien pubbliku rigward l-eżistenza, il-kawżi, il-gravità u t-theddid li jippreżentaw ir-reati terroristiċi u r-reati kontemplati f'din il-Konvenzjoni u tikkunsidra li tinkoraġġixxi lill-pubbliku biex jipprovdi għajnuna fattwali u speċifika lill-awtoritajiet kompetenti tagħha li tista' tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' reati terroristiċi u reati kontemplati f'din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 4*

**Kooperazzjoni internazzjonali dwar il-prevenzjoni**

Kif xieraq u bil-kunsiderazzjoni dovuta lejn il-kapaċitajiet tagħhom, il-Partijiet għandhom jassistu u jappoġġaw lil xulxin bil-ħsieb li jsaħħu l-kapaċità tagħhom biex iwaqqfu t-twettiq ta' reati terroristiċi, fosthom permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki, kif ukoll permezz ta' taħriġ u sforzi konġunti oħra ta' natura preventiva.

*Artikolu 5*

**Provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku**

1. Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, "provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni tal-inċitazzjoni għat-twettiq ta' att terroristiku, fejn din l-imġiba, kemm jekk tippromwovi direttament reati terroristiċi kif ukoll jekk le, tikkaġuna periklu li jista' jitwettaq reat wieħed minn dawn jew aktar.

2. Kull Parti għandha tadotta l-miżuri neċessarji biex tistabbilixxi l-provokazzjoni pubblika għat-twettiq ta' reat terroristiku, kif definit fil-paragrafu 1, meta titwettaq b'mod illegali u intenzjonalment, bħala reat kriminali skont il-liġi domestika tagħha.

*Artikolu 6*

**Reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu**

1. Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, "reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu" tfisser li wieħed ifittex persuna oħra sabiex twettaq jew tipparteċipa fit-twettiq ta' reat terroristiku, jew biex tingħaqad ma' assoċjazzjoni jew grupp, għall-iskop li tikkontribwixxi għat-twettiq ta' reat terroristiku wieħed jew aktar mill-assoċjazzjoni jew il-grupp.

2. Kull Parti għandha tadotta l-miżuri li jkunu neċessarji sabiex tistabbilixxi r-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu, kif definit fil-paragrafu 1, meta jitwettaq b'mod illegali u intenzjonalment, bħala reat kriminali skont il-liġi domestika tagħha.

*Artikolu 7*

**Taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu**

1. Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, "taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu" tfisser li tingħata struzzjoni dwar kif isiru jew jintużaw l-isplussivi, l-armi tan-nar jew armi oħra jew sustanzi tossiċi jew perikolużi, jew dwar metodi u tekniki oħra speċifiċi, bl-iskop li jitwettaq jew li jingħata kontribut għat-twettiq ta' reat terroristiku, u bil-konoxxenza li l-ħiliet ipprovduti jkunu maħsuba biex jintużaw għal dan l-iskop.

2. Kull Parti għandha tadotta l-miżuri li jkunu neċessarji sabiex tistabbilixxi t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu, kif definit fil-paragrafu 1, meta jitwettaq b'mod illegali u intenzjonalment, bħala reat kriminali skont il-liġi domestika tagħha.

*Artikolu 8*

**Irrilevanza tat-twettiq ta' reat terroristiku**

Sabiex att jikkostitwixxi reat kif stabbilit fl-Artikoli 5 sa 7 ta' din il-Konvenzjoni, ma għandux ikun meħtieġ li fil-fatt jitwettaq reat terroristiku.

*Artikolu 9*

**Reati assoċjati**

1. Kull Parti għandha tadotta dawk il-miżuri kif ikun neċessarju sabiex tistabbilixxi bħala reat kriminali skont il-liġi domestika tagħha:

a. Il-parteċipazzjoni bħala kompliċi f'reat kif stabbilit fl-Artikoli 5 sa 7 ta' din il-Konvenzjoni;

b. L-organizzazzjoni jew l-iggwidar ta' oħrajn biex iwettqu reat kif stabbilit fl-Artikoli 5 sa 7 ta' din il-Konvenzjoni;

c. Il-kontribuzzjoni għat-twettiq ta' wieħed jew aktar mir-reati kif stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 7 ta' din il-Konvenzjoni minn grupp ta' persuni li jaġixxu bi skop komuni. Dan il-kontribut għandu jkun intenzjonali u għandu jew:

   i. isir bil-għan li titkompla l-attività kriminali jew l-għan kriminali tal-grupp, fejn din l-attività jew l-għan jinvolvu t-twettiq ta' reat kif stabbilit fl-Artikoli 5 sa 7 ta' din il-Konvenzjoni; jew

   ii. isir f'għarfien tal-intenzjoni tal-grupp biex iwettaq reat kif stabbilit fl-Artikoli 5 sa 7 ta' din il-Konvenzjoni.

2. Kull Parti għandha tadotta wkoll il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi stabbilit bħala reat kriminali skont, u f'konformità mal-liġi domestika tagħha, tentattiv biex jitwettaq reat kif imfisser fl-Artikoli 6 u 7 ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 10*

**Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi**

1. Kull Parti għandha tadotta l-miżuri li jkunu neċessarji, b'konformità mal-prinċipji legali tagħha, sabiex tistabbilixxi r-responsabbiltà ta' entitajiet ġuridiċi għall-parteċipazzjoni fir-reati msemmija fl-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni.

2. Soġġett għall-prinċipji legali tal-Parti, ir-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi tista' tkun kriminali, ċivili jew amministrattiva.

3. Din ir-responsabbiltà għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà kriminali tal-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati.

*Artikolu 11*

**Sanzjonijiet u miżuri**

1. Kull Parti għandha tadotta l-miżuri li jkunu neċessarji sabiex ir-reati stipulati fl-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni jkunu punibbli b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Kundanni preċedenti mogħtija fi Stati barranin għal reati stabbiliti f'din il-Konvenzjoni jistgħu, sa fejn hu permess mil-liġi domestika, jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-sentenza skont il-liġi domestika.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-entitajiet ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 10 jkunu soġġetti għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, kriminali jew mhux kriminali, inklużi sanzjonijiet monetarji.

*Artikolu 12*

**Kundizzjonijiet u salvagwardji**

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-kriminalizzazzjoni skont l-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni jitwettqu filwaqt li jiġu rispettati l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-assoċjazzjoni u l-libertà tar-reliġjon, kif stipulati, fejn applikabbli għal dik il-Parti, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u obbligi oħrajn skont id-dritt internazzjonali.

2. L-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-kriminalizzazzjoni skont l-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni jenħtieġ li, aktar minn hekk, ikunu suġġetti għall-prinċipju tal-proporzjonalità, fir-rigward tal-għanijiet leġittimi li jkunu qed jiġu segwiti u tal-ħtieġa tagħhom f'soċjetà demokratika, u jenħtieġ li jeskludu kwalunkwe forma ta' arbitrarjetà jew trattament diskriminatorju jew razzist.

*Artikolu 13*

**Protezzjoni, kumpens u appoġġ għall-vittmi tat-terroriżmu**

Kull Parti għandha tadotta dawk il-miżuri li jistgħu jkun neċessarji biex tipproteġi u tappoġġa lill-vittmi tat-terroriżmu li jkun twettaq fit-territorju tagħha stess. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, permezz tal-iskemi nazzjonali xierqa u suġġett għal-leġislazzjoni interna, *inter alia*, assistenza finanzjarja u kumpens għal vittmi tat-terroriżmu u l-membri tal-familja qrib tagħhom.

*Artikolu 14*

**Ġuriżdizzjoni**

1. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tagħha fuq ir-reati stabbiliti f'din il-Konvenzjoni:

a. meta r-reat jitwettaq fit-territorju ta' dik il-Parti;

b. meta r-reat jitwettaq abbord bastiment li jtajjar il-bandiera ta' dik il-Parti, jew abbord inġenju tal-ajru rreġistrat skont il-liġijiet ta' dik il-Parti;

c. meta r-reat jitwettaq minn ċittadin ta' dik il-Parti.

2. Kull Parti tista' wkoll tistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tagħha fuq ir-reati stabbiliti f'din il-Konvenzjoni:

a. meta r-reat kien immirat lejn jew irriżulta fit-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikolu 1 ta' din il-Konvenzjoni, fit-territorju taċ-ċittadin ta' dik il-Parti jew kontrih;

b. meta r-reat kien immirat lejn jew irriżulta fit-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikolu 1 ta' din il-Konvenzjoni, kontra faċilità tal-Istat jew tal-gvern ta' dik il-Parti barra mit-territorju tagħha, inklużi binjiet diplomatiċi jew konsulari ta' dik il-Parti;

c. meta r-reat kien immirat lejn jew irriżulta f'reat imsemmi fl-Artikolu 1 ta' din il-Konvenzjoni, imwettaq f'tentattiv biex iġiegħel lil dik il-Parti biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi azzjoni;

d. meta r-reat ikun twettaq minn persuna apolida li għandha r-residenza abitwali tagħha fit-territorju ta' dik il-Parti;

e. meta r-reat ikun twettaq abbord inġenju tal-ajru li jkun operat mill-Gvern ta' dik il-Parti.

3. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa biex tistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tagħha fuq ir-reati stabbiliti f'din il-Konvenzjoni fil-każ meta l-allegat trasgressur ikun jinsab fit-territorju tagħha u ma tkunx estradietu lejn Parti li l-ġuriżdizzjoni tagħha hija bbażata fuq regola ta' ġuriżdizzjoni eżistenti b'mod ugwali fil-liġi tal-Parti rikjesta.

4. Din il-Konvenzjoni ma teskludi l-ebda ġuriżdizzjoni kriminali eżerċitata skont il-liġi nazzjonali.

5. Meta aktar minn Parti waħda titlob ġuriżdizzjoni fuq allegat reat imsemmi f'din il-Konvenzjoni, meta jkun xieraq il-Partijiet involuti għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-ħsieb li jiddeterminaw l-aktar ġuriżdizzjoni xierqa għall-finijiet ta' prosekuzzjoni.

*Artikolu 15*

**L-obbligu li tinvestiga**

1. Malli tirċievi informazzjoni li persuna li tkun wettqet jew li tiġi akkużata li wettqet reat stabbilit f'din il-Konvenzjoni tista' tkun preżenti fit-territorju tagħha, il-Parti kkonċernata għandha tieħu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa skont il-liġi domestika tagħha biex tinvestiga l-fatti li jinsabu fl-informazzjoni.

2. Meta tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi jitolbu hekk, il-Parti li fit-territorju tagħha t-trażgressur jew l-allegat trażgressur ikun preżenti għandha tieħu l-miżuri xierqa skont il-liġi domestika tagħha sabiex tiżgura l-preżenza tal-persuna għall-fini ta' prosekuzzjoni jew estradizzjoni.

3. Kwalunkwe persuna li fir-rigward tagħha, il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ikunu qed jittieħdu għandha tkun intitolata:

a. li tikkomunika bla dewmien mal-eqreb rappreżentant xieraq tal-Istat li dik il-persuna hija ċittadin tiegħu jew li nkella jkun intitolat biex jipproteġi d-drittijiet ta' dik il-persuna jew, jekk dik il-persuna tkun apolidi, l-Istat tat-territorju li dik il-persuna tirrisjedi fih b'mod abitwali;

b. li ssirilha żjara minn rappreżentant ta' dak l-Istat;

c. li tiġi infurmata dwar id-drittijiet ta' dik il-persuna skont is-subparagrafi a. u b.

4. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti li fit-territorju tagħha t-trażgressur jew l-allegat trażgressur ikun preżenti, suġġett għad-dispożizzjoni li l-imsemmija liġijiet u regolamenti jridu jippermettu li jingħata effett sħiħ lill-finijiet li għalihom id-drittijiet mogħtija skont il-paragrafu 3 huma maħsuba.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kwalunkwe Parti li jkollha pretensjoni ta' ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 14, il-paragrafi 1.c u 2.d li tistieden lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar biex jikkomunika mal-allegat trażgressur u jżuru.

*Artikolu 16*

**Nuqqas ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni**

Din il-Konvenzjoni ma għandhiex tapplika meta xi wieħed mir-reati stabbiliti skont l-Artikoli 5 sa 7 u 9 jitwettaq fi ħdan Stat wieħed, l-allegat trażgressur ikun ċittadin ta' dak l-Istat u jkun preżenti fit-territorju ta' dak l-Istat, u l-ebda Stat ieħor ma jkollu bażi skont l-Artikolu 14, paragrafu 1 jew 2 ta' din il-Konvenzjoni, sabiex jeżerċita ġuriżdizzjoni, filwaqt li jkun mifhum li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17 u 20 sa 22 ta' din il-Konvenzjoni għandhom, kif xieraq, japplikaw f'dawk il-każijiet.

*Artikolu 17*

**Kooperazzjoni internazzjonali f'materji kriminali**

1. Il-Partijiet għandhom jagħtu lil xulxin l-akbar livell ta' assistenza b'rabta mal-investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti kriminali jew ta' estradizzjoni fir-rigward tar-reati stipulati fl-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni, inkluża assistenza fil-ksib ta' evidenza li tkun fil-pussess tagħhom li tkun meħtieġa għall-proċedimenti.

2. Il-Partijiet għandhom iwettqu l-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 1 f'konformità ma' kwalunkwe trattat jew ftehim ieħor dwar l-assistenza legali reċiproka li jista' jeżisti bejniethom. Fin-nuqqas ta' tali trattati jew ftehimiet, il-Partijiet għandhom jagħtu lil xulxin assistenza skont il-liġi domestika tagħhom.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw ma' xulxin kemm jista' jkun skont il-liġijiet, il-ftehimiet u l-arranġamenti rilevanti tal-Parti rikjesta fir-rigward ta' investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali relatati mar-reati li għalihom tista' tinżamm responsabbli l-entità ġuridika skont l-Artikolu 10 ta' din il-Konvenzjoni fil-Parti rikjedenti.

4. Kull Parti tista' tikkunsidra li tistabbilixxi mekkaniżmi addizzjonali biex taqsam ma' partijiet oħra informazzjoni jew evidenza meħtieġa biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà kriminali, ċivili jew amministrattiva skont l-Artikolu 10.

*Artikolu 18*

**Estradizzjoni jew prosekuzzjoni**

1. Il-Parti li fit-territorju tagħha l-allegat trażgressur ikun jinsab, meta jkollha ġuriżdizzjoni f'konformità mal-Artikolu 14, jekk ma testradixxix lil dik il-persuna, għandha tkun obbligata, mingħajr eċċezzjoni, tkun xi tkun, kemm jekk ir-reat kien imwettaq fit-territorju tagħha, kif ukoll jekk le, li tissottometti l-każ mingħajr dewmien żejjed lill-awtoritajiet kompetenti tagħha għall-fini ta' prosekuzzjoni, permezz ta' proċedimenti skont il-liġijiet ta' dik il-Parti. Dawk l-awtoritajiet għandhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom bl-istess mod bħal fil-każ ta' kwalunkwe reat ieħor ta' natura serja skont il-liġi ta' dik il-Parti.

2. Kull meta Parti tkun awtorizzata skont il-liġi domestika tagħha biex testradixxi jew inkella ċċedi wieħed miċ-ċittadini tagħha bl-unika kundizzjoni li l-persuna tiġi rritornata lil dik il-Parti biex tiskonta s-sentenza imposta b'konsegwenza tal-proċess jew tal-proċediment li għalihom intalbet l-estradizzjoni jew iċ-ċediment tal-persuna, u dik il-Parti u l-Parti li titlob l-estradizzjoni tal-persuna jaqblu ma' din l-għażla u ma' termini oħra meqjusin xierqa, din l-estradizzjoni jew ċediment kundizzjonali għandhom ikunu biżżejjed sabiex l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 jitqies issodisfat.

*Artikolu 19*

**Estradizzjoni**

1. Ir-reati stipulati fl-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni għandhom ikunu meqjusa inklużi bħala reati li jistgħu jwasslu għal estradizzjoni f'kwalunkwe trattat dwar l-estradizzjoni bejn kwalunkwe waħda mill-Partijiet qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni. Il-Partijiet jieħdu l-impenn li jinkludu dawn ir-reati bħala reati li jistgħu jwasslu għal estradizzjoni f'kull trattat dwar l-estradizzjoni li jiġi konkluż sussegwentement bejniethom.

2. Meta Parti li tagħmel l-estradizzjoni kondizzjonali fuq l-eżistenza ta' trattat tirċievi talba għal estradizzjoni minn Parti oħra li ma għandha ebda trattat ta' estradizzjoni magħha, il-Parti rikjesta tista', jekk hija hekk tiddeċiedi, tikkunsidra din il-Konvenzjoni bħala l-bażi ġuridika għall-estradizzjoni fir-rigward tar-reati stipulati fl-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni. L-estradizzjoni għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet l-oħra previsti mil-liġi tal-Parti rikjesta.

3. Il-partijiet li ma jagħmlux l-estradizzjoni kondizzjonali fuq l-eżistenza ta' trattat għandhom jirrikonoxxu r-reati stipulati fl-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni bħala reati li jistgħu jwasslu għal estradizzjoni bejniethom, suġġett għall-kundizzjonijiet previsti mil-liġi tal-Parti rikjesta.

4. Fejn meħtieġ, ir-reati stipulati fl-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni għandhom jiġu ttrattati, għall-iskopijiet ta' estradizzjoni bejn il-Partijiet, daqslikieku kienu twettqu mhux biss fil-post li fih iseħħu iżda wkoll fit-territorju tal-Partijiet li jkunu stabbilixxew ġuriżdizzjoni f'konformità mal-Artikolu 14.

5. Id-dispożizzjonijiet tat-trattati u l-ftehimiet kollha tal-estradizzjoni konklużi bejn il-Partijiet fir-rigward ta' reati stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni għandhom ikunu meqjusa li ġew emendati bejn il-Partijiet sa fejn dawn ikunu inkompatibbli ma' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 20*

**Esklużjoni tal-klawżola tal-eċċezzjonijiet politiċi**

1. L-ebda wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 5 sa 7 u 9 ta' din il-Konvenzjoni ma għandu jitqies, għall-finijiet ta' estradizzjoni jew assistenza legali reċiproka, bħala reat politiku, reat marbut ma' reat politiku, jew reat ispirat minn mottivi politiċi. Għaldaqstant, talba għal estradizzjoni jew għal assistenza legali reċiproka bbażata fuq tali reat ma tistax tiġi miċħuda għar-raġuni biss li din tirrigwarda reat politiku jew reat marbut ma' reat politiku jew reat ispirat minn mottivi politiċi.

2. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 19 sa 23 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta' Mejju 1969 għall-Artikoli l-oħra ta' din il-Konvenzjoni, kwalunkwe Stat jew il-Komunità Ewropea jistgħu, meta jiffirmaw jew jiddepożitaw l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni ta' din il-Konvenzjoni, jiddikjaraw li huma jirriżervaw id-dritt li ma japplikawx il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'dak li għandu x'jaqsam mal-estradizzjoni fir-rigward ta' reati stabbiliti f'din il-Konvenzjoni. Il-Parti timpenja ruħha li tapplika din ir-riżerva fuq bażi ta' każ b'każ, permezz ta' deċiżjoni debitament motivata.

3. Kwalunkwe Parti tista' kompletament jew parzjalment tirtira riżerva li tkun għamlet f'konformità mal-paragrafu 2 permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa li għandha ssir effettiva mid-data tal-wasla tagħha.

4. Parti li tkun għamlet riżerva f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma tistax titlob l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu minn xi Parti oħra; hija tista', madankollu, jekk ir-riżerva tagħha tkun parzjali jew kundizzjonali, tinvoka l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu sa fejn hija stess tkun aċċettatu.

5. Ir-riżerva għandha tkun valida għal perjodu ta' tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni fir-rigward tal-Parti kkonċernata. Madankollu, tali riżerva tista' tiġġedded għal perjodi tal-istess tul.

6. Tnax-il xahar qabel id-data ta' skadenza tar-riżerva, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jagħti avviż ta' din l-iskadenza lill-Parti kkonċernata. Mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza, il-Parti għandha tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa li hija qiegħda tikkonferma, temenda jew tirtira r-riżerva tagħha. Meta Parti tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa li hija tkun qed tikkonferma r-riżerva tagħha, hija għandha tagħti spjegazzjoni dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw il-kontinwazzjoni tagħha. Fin-nuqqas ta' notifika mill-Parti kkonċernata, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinforma lil dik il-Parti li r-riżerva tagħha hija meqjusa li ġiet estiża awtomatikament għal perjodu ta' sitt xhur. Nuqqas mill-Parti kkonċernata li tinnotifika l-intenzjoni tagħha li tikkonferma jew timmodifika r-riżerva tagħha qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu għandu jikkawża l-iskadenza tar-riżerva.

7. Meta Parti ma testradixxix persuna b'applikazzjoni ta' din ir-riżerva, wara li tirċievi talba għal estradizzjoni minn Parti oħra, hija għandha tippreżenta l-każ, mingħajr eċċezzjoni, tkun xi tkun, u mingħajr dewmien żejjed, lill-awtoritajiet kompetenti tagħha għall-fini ta' prosekuzzjoni, sakemm il-Parti rikjedenti kif ukoll il-Parti rikjesta ma jiftehmux mod ieħor. L-awtoritajiet kompetenti, għall-fini tal-prosekuzzjoni fil-Parti rikjesta, għandhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom bl-istess mod bħal fil-każ ta' kwalunkwe reat ieħor ta' natura serja skont il-liġi ta' dik il-Parti. Il-Parti rikjesta għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, ir-riżultat finali tal-proċedimenti lill-Parti rikjedenti u lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, li għandu jgħaddihom għall-Konsultazzjoni tal-Partijiet prevista fl-Artikolu 30.

8. Id-deċiżjoni li tirrifjuta t-talba ta' estradizzjoni fuq il-bażi ta' din ir-riżerva għandha tiġi kkomunikata minnufih lill-Parti rikjedenti. Jekk fi żmien raġonevoli ebda deċiżjoni ġudizzjarja fuq il-merti ma tkun ittieħdet fil-Parti rikjesta skont il-paragrafu 7, il-Parti rikjedenti tista' tikkomunika dan il-fatt lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, li għandu jressaq il-kwistjoni għall-Konsultazzjoni tal-Partijiet stipulata fl-Artikolu 30. Din il-Konsultazzjoni għandha tikkunsidra l-kwistjoni u tagħti opinjoni dwar il-konformità ta' dan ir-rifjut mal-Konvenzjoni u għandha tippreżentaha lill-Kumitat tal-Ministri għall-fini tal-ħruġ ta' dikjarazzjoni dwar dan. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont dan il-paragrafu, il-Kumitat tal-Ministri għandu jiltaqa' fil-kompożizzjoni tiegħu ristretta għall-Istati Partijiet.

*Artikolu 21*

**Il-klawsola tad-diskriminazzjoni**

1. Xejn f'din il-Konvenzjoni ma għandu jiġi interpretat bħala li jimponi obbligu li ssir estradizzjoni jew li tingħata assistenza legali reċiproka, jekk il-Parti rikjesta jkollha motivi sostanzjali biex temmen li t-talba għall-estradizzjoni għar-reati stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 7 u 9 jew għal assistenza legali reċiproka fir-rigward ta' tali reati tkun saret għall-fini tal-prosekuzzjoni jew l-ikkastigar ta' persuna minħabba r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, l-oriġini etnika jew l-opinjonijiet politiċi tagħha jew li l-konformità mat-talba tikkawża preġudizzju għall-pożizzjoni ta' dik il-persuna għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet.

2. Xejn f'din il-Konvenzjoni ma għandu jiġi interpretat bħala li jimponi obbligu ta' estradizzjoni jekk il-persuna li hija s-suġġett tat-talba għal estradizzjoni tissogra li tkun esposta għal tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti.

3. Xejn f'din il-Konvenzjoni ma għandu jiġi interpretat bħala li jimponi obbligu ta' estradizzjoni jekk il-persuna li hija s-suġġett tat-talba għal estradizzjoni tissogra li tkun esposta għall-piena tal-mewt jew, fejn il-liġi tal-Parti rikjesta ma tippermettix il-ħabs għall-għomor, għall-ħabs għall-għomor mingħajr il-possibbiltà ta' parole, sakemm skont trattati dwar l-estradizzjoni applikabbli l-Parti rikjesta ma tkunx taħt l-obbligu li testradixxi jekk il-Parti rikjedenti tagħti assigurazzjoni li l-Parti rikjesta tqis bħala waħda suffiċjenti li l-piena tal-mewt ma tkunx ser tiġi imposta jew, fejn din tkun se tiġi imposta, ma tiġix imwettqa, jew li l-persuna kkonċernata ma tkunx soġġetta għal sentenza ta' għomor il-ħabs mingħajr il-possibbiltà ta' parole.

*Artikolu 22*

**Informazzjoni spontanja**

1. Mingħajr preġudizzju għall-investigazzjonijiet jew il-proċedimenti tagħhom stess, l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti jistgħu, mingħajr talba minn qabel, jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti ta' Parti oħra informazzjoni miksuba fil-qafas tal-investigazzjonijiet tagħhom stess, meta huma jikkunsidraw li d-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni tista' tgħin lill-parti li tirċievi l-informazzjoni biex tibda jew twettaq investigazzjonijiet jew proċedimenti, jew jekk tista' twassal għal talba mingħand dik il-Parti skont din il-Konvenzjoni.

2. Il-Parti li tkun qed tipprovdi l-informazzjoni tista', skont il-liġi nazzjonali tagħha, timponi kundizzjonijiet fuq l-użu ta' din l-informazzjoni mill-Parti li tirċievi l-informazzjoni.

3. Il-parti li tirċievi l-informazzjoni għandha tkun marbuta b'dawk il-kundizzjonijiet.

4. Madankollu, kwalunkwe Parti tista', f'walunkwe mument, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tiddikjara li hija tirriżerva d-dritt li ma tkunx marbuta mill-kundizzjonijiet imposti mill-Parti li tipprovdi l-informazzjoni skont il-paragrafu 2 hawn fuq, sakemm ma tirċevix notifika minn qabel dwar in-natura tal-informazzjoni li tkun ser tiġi pprovduta u taqbel mat-trażmissjoni tagħha.

*Artikolu 23*

**L-iffirmar u d-dħul fis-seħħ**

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-iffirmar mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Komunità Ewropea u minn Stati mhux Membri li jkunu pparteċipaw fl-elaborazzjoni tagħha.

2. Din il-Konvenzjoni hija soġġetta għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. L-istrumenti tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew tal-approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

3. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur minn wara d-data meta sitt Firmatarji, inklużi mill-anqas erba' Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, ikunu ddikjaraw il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Konvenzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

4. Fir-rigward ta' kwalunkwe Firmatarju li sussegwentament jiddikjara l-kunsens tiegħu li jkun marbut biha, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jsegwi l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data tal-kunsens tiegħu li jkun marbut bil-Konvenzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

*Artikolu 24*

**L-Adeżjoni mal-Konvenzjoni**

1. Wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, wara li jikkonsulta mal-Partijiet għall-Konvenzjoni u jikseb il-kunsens unanimu tagħhom, jista' jistieden lil kwalunkwe Stat li mhux membru tal-Kunsill tal-Ewropa u li ma jkunx ipparteċipa fl-elaborazzjoni tagħha sabiex jaċċedi għal din il-Konvenzjoni. Id-deċiżjoni għandha tittieħed bil-maġġoranza prevista fl-Artikolu 20.d tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa u b'vot unanimu tar-rappreżentanti tal-Partijiet intitolati għal siġġu fil-Kumitat tal-Ministri.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe Stat li jaċċedi għall-konvenzjoni skont il-paragrafu 1 hawn fuq, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jsegwi l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data tad-depożitu tal-istrument tal-adeżjoni mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

*Artikolu 25*

**L-applikazzjoni territorjali**

1. Kwalunkwe Stat tal-Komunità Ewropea jista', fil-mument tal-iffirmar jew meta jiddepożita l-istrument tiegħu tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni, jispeċifika t-territorju jew it-territorji li għalihom din il-Konvenzjoni għandha tapplika.

2. Kwalunkwe Parti tista', f'kwalunkwe mument wara dan, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, testendi l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għal kwalunkwe territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni. Fejn jidħlu dawn it-territorji, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data meta tasal id-dikjarazzjoni għand is-Segretarju Ġenerali.

3. Kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir skont iż-żewġ paragrafi preċedenti tista', fir-rigward ta' kwalunkwe territorju speċifikat f'dik id-dikjarazzjoni, tiġi rtirata b'notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-irtirar għandu jsir effettiv fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data meta tasal in-notifika għand is-Segretarju Ġenerali.

*Artikolu 26*

**L-Effetti tal-Konvenzjoni**

1. Din il-Konvenzjoni tissupplimenta trattati jew ftehimiet multilaterali jew bilaterali applikabbli bejn il-Partijiet, inkluż id-dispożizzjonijiet tat-trattati li ġejjin tal-Kunsill tal-Ewropa:

— Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni, miftuħa għall-iffirmar, f'Pariġi, fit-13 ta' Diċembru 1957 (ETS Nru 24);

— Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali, miftuħa għall-iffirmar, fi Strasburgu, fl-20 ta' April 1959 (ETS Nru 30);

— Il-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Soppressjoni tat-Terroriżmu, miftuħa għall-iffirmar, fi Strasburgu, fis-27 ta' Jannar 1977 (ETS Nru 90);

— Il-Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali, miftuħ għall-iffirmar, fi Strasburgu, fis-17 ta' Marzu 1978 (ETS Nru 99);

— It-Tieni Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali, miftuħ għall-iffirmar, fi Strasburgu, fit-8 ta' Novembru 2001 (ETS Nru 182);

— Il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Soppressjoni tat-Terroriżmu, miftuħ għall-iffirmar, fi Strasburgu, fil-15 ta' Mejju 2003 (ETS Nru 190).

2. Jekk żewġ Partijiet jew aktar ikunu diġà kkonkludew ftehim jew trattat dwar il-kwistjonijiet imsemmija f'din il-Konvenzjoni jew inkella jkunu b'xi mod ieħor stabbilixxew ir-relazzjonijiet tagħhom fejn jidħlu dawn il-kwistjonijiet, jew jekk fil-futur jagħmlu dan, dawn għandhom ukoll ikunu intitolati li japplikaw dak il-ftehim jew trattat jew li jirregolaw dawk ir-relazzjonijiet kif meħtieġ. Madankollu, meta l-Partijiet jistabbilixxu r-relazzjonijiet tagħhom fejn jidħlu l-kwistjonijiet imsemmija f'din il-Konvenzjoni, apparti dawk regolati fiha, dawn għandhom jagħmlu dan b'mod li ma jmurx kontra l-għanijiet u l-prinċipji tal-Konvenzjoni.

3. Il-Partijiet li huma Membri tal-Unjoni Ewropea, fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, għandhom japplikaw ir-regoli Komunitarji jew tal-Unjoni Ewropea safejn ikun hemm regoli Komunitarji jew tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw is-suġġett partikolari kkonċernat u li jkunu applikabbli għall-każ speċifiku, mingħajr preġudizzju għall-għan u l-iskop ta' din il-Konvenzjoni u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa tagħha ma' Partijiet oħra.

4. Xejn f'din il-Konvenzjoni ma għandu jaffettwa d-drittijiet, l-obbligi jew ir-responsabbiltajiet oħrajn ta' Parti u individwi taħt id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali.

5. L-attivitajiet tal-forzi armati matul konflitt armat, kif dawk it-termini jinftiehmu taħt il-liġi umanitarja internazzjonali, li huma rregolati b'dik il-liġi, mhumiex irregolati minn din il-Konvenzjoni, u l-attivitajiet imwettqa minn forzi militari ta' Parti fl-eżerċizzju tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, sa fejn u sakemm dawn huma regolati minn regoli oħra tad-dritt internazzjonali, mhumiex regolati minn din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 27*

**Emendi għall-Konvenzjoni**

1. Emendi għal din il-Konvenzjoni jistgħu jiġu proposti minn kwalunkwe Parti, mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa jew mill-Konsultazzjoni tal-Partijiet.

2. Kwalunkwe proposta għal emenda għandha tiġi kkomunikata lill-Partijiet mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

3. Barra minn hekk, kwalunkwe emenda proposta minn Parti jew mill-Kumitat tal-Ministri għandha tkun ikkomunikata lill-Konsultazzjoni tal-Partijiet, li għandha tissottometti lill-Kumitat tal-Ministri l-opinjoni tagħha dwar l-emenda proposta.

4. Il-Kumitat tal-Ministri għandu jikkunsidra l-emenda proposta u kwalunkwe opinjoni ppreżentata mill-Konsultazzjoni tal-Partijiet u jista' japprova l-emenda.

5. It-test ta' kwalunkwe emenda approvata mill-Kumitat tal-Ministri f'konformità mal-paragrafu 4 għandu jintbagħat lill-Partijiet għall-aċċettazzjoni.

6. Kwalunkwe emenda approvata f'konformità mal-paragrafu 4 għandha tidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara li l-Partijiet kollha jkunu infurmaw lis-Segretarju Ġenerali li jkunu aċċettawha.

*Artikolu 28*

**Reviżjoni tal-Appendiċi**

1. Sabiex tiġi aġġornata l-lista ta' trattati fl-Appendiċi, jistgħu jiġu proposti emendi minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet jew mill-Kumitat tal-Ministri. Dawn il-proposti għal emendi għandhom jikkonċernaw biss trattati universali konklużi fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti li jittrattaw speċifikament it-terroriżmu internazzjonali u li jkunu daħlu fis-seħħ. Huma għandhom jiġu kkomunikati lill-Partijiet mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Wara li jkun ikkonsulta lill-Partijiet mhux membri, il-Kumitat tal-Ministri jista' jadotta proposta ta' emenda bil-maġġoranza prevista fl-Artikolu 20.d tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa. L-emenda għandha tidħol fis-seħħ wara l-iskadenza ta' perjodu ta' sena wara d-data li fiha tkun ġiet mgħoddija lill-Partijiet. Matul dan il-perjodu, kwalunkwe Parti tista' tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa b'kwalunkwe oġġezzjoni għad-dħul fis-seħħ tal-emenda fir-rigward ta' dik il-Parti.

3. Jekk terz tal-Partijiet jinnotifikaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa b'oġġezzjoni għad-dħul fis-seħħ tal-emenda, l-emenda ma għandhiex tidħol fis-seħħ.

4. Jekk inqas minn terz tal-Partijiet jinnotifikaw oġġezzjoni, l-emenda tidħol fis-seħħ għal dawk il-Partijiet li ma jkunux innotifikaw oġġezzjoni.

5. Ladarba emenda tkun daħlet fis-seħħ f'konformità mal-paragrafu 2 u Parti tkun innotifikat oġġezzjoni għaliha, din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ fir-rigward tal-Parti kkonċernata fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha hija tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa bl-aċċettazzjoni tagħha.

*Artikolu 29*

**Soluzzjoni tat-tilwim**

F'każ ta' tilwima bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, huma għandhom ifittxu soluzzjoni għat-tilwima permezz ta' negozjati jew xi mezz paċifiku ieħor tal-għażla tagħhom, inkluża s-sottomissjoni tat-tilwima quddiem tribunal tal-arbitraġġ li d-deċiżjonijiet tiegħu għandhom ikunu jorbtu lill-Partijiet għat-tilwima, jew quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, kif miftiehem mill-Partijiet ikkonċernati.

*Artikolu 30*

**Konsultazzjoni tal-Partijiet**

1. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw perjodikament bl-iskop li:

a. jagħmlu proposti biex ikunu ffaċilitati jew imtejba l-użu effettiv u l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, inkluża l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe problema u l-effetti ta' kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir skont din il-Konvenzjoni;

b. jiffurmulaw l-opinjoni tagħhom dwar il-konformità ta' rifjut ta' estradizzjoni riferit lilhom skont l-Artikolu 20, paragrafu 8;

c. jagħmlu proposti għall-emendar ta' din il-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 27;

d. jifformulaw l-opinjoni tagħhom dwar kwalunkwe proposta għall-emendar ta' din il-Konvenzjoni riferita lilhom skont l-Artikolu 27, paragrafu 3;

e. jesprimu opinjoni dwar kwalunkwe kwistjoni rigward l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni u jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar żviluppi legali, ta' politika jew teknoloġiċi sinifikanti.

2. Il-Konsultazzjoni tal-Partijiet għandha titlaqqa' mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa kull meta jqis li huwa meħtieġ u f'kwalunkwe każ meta maġġoranza tal-Partijiet jew il-Kumitat tal-Ministri jitolbu l-konvokazzjoni tagħha.

3. Il-Partijiet għandhom ikunu megħjuna mis-Segretarjat tal-Kunsill tal-Ewropa fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 31*

**Denunzja**

1. Kwalunkwe Parti tista', f'kwalunkwe mument, tiddenunzja din il-Konvenzjoni permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Tali denunzja għandu jkollha effett fl-ewwel jum tax-xahar li jsegwi l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data tal-wasla tan-notifika għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

*Artikolu 32*

**Notifika**

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lill-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Komunità Ewropea, l-Istati li mhumiex membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni ta' din il-Konvenzjoni kif ukoll kwalunkwe Stat ieħor li jkun aċċeda, jew li ġie mistieden biex jaċċedi għal din il-Konvenzjoni dwar:

a. kwalunkwe firma;

b. id-depożitu ta' kwalunkwe strument tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni;

c. kwalunkwe data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni skont l-Artikolu 23;

d. kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir skont l-Artikolu 1, paragrafu 2, 22, paragrafu 4, u 25;

e. kwalunkwe att, notifika jew komunikazzjoni oħra relatati ma' din il-Konvenzjoni.

B'xhieda ta' dan, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Magħmula f'Varsavja, dan is-16-il jum ta' Mejju 2005, fil-lingwa Ingliża u Franċiża, biż-żewġ testi jkunu ugwalment awtentiċi, f'kopja waħda li għandha tkun iddepożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jibgħat kopji ċċertifikati lil kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Komunità Ewropea, lill-Istati mhumiex membri u li pparteċipaw fit-tiswir ta' din il-Konvenzjoni, u lil kwalunkwe Stat mistieden sabiex jaderixxi għaliha.

*Appendiċi*

1. Il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Qbid Illegali ta' Ajruplani, iffirmata fl-Aja fis-16 ta' Diċembru 1970;

2. Il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili, konkluża f'Montreal fit-23 ta' Settembru 1971;

3. Il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ippenalizzar ta' Reati kontra Persuni Protetti Internazzjonalment, Inklużi l-Aġenti Diplomatiċi, adottata fi New York fl-14 ta' Diċembru 1973;

4. Il-Konvenzjoni Internazzjonali kontra t-Teħid tal-Ostaġġi, adottata fi New York fis-17 ta' Diċembru 1979;

5. Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari, adottata fi Vjenna fit-3 ta' Marzu 1980;

6. Il-Protokoll għat-Trażżin ta' Atti Illegali ta' Vjolenza f'Ajruporti li Jservu l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, magħmul f'Montreal fl-24 ta' Frar 1988;

7. Il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza tan-Navigazzjoni Marittima, magħmula f'Ruma fl-10 ta' Marzu 1988;

8. Il-Protokoll għas-Sopressjoni ta' Atti Illeċiti kontra s-Sikurezza ta' Pjattaformi Fissi li jinsabu fuq il-Blata Kontinentali, magħmul f'Ruma fl-10 ta' Marzu 1988;

9. Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Soppressjoni ta' Attentati Terroristiċi b'Esplossivi, adottata fi New York fil-15 ta' Diċembru 1997;

10. Il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Soppressjoni tal-Finanzjament tat-Terroriżmu, adottata fi New York fid-9 ta' Diċembru 1999;

11. Il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Soppressjoni ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari, adottata fi New York fit-13 ta' April 2005 ([1]).

---

([1]) Emenda għall-Appendiċi adottata mid-Deputati tal-Ministri fl-1034 laqgħa tagħhom (il-11 ta' Settembru 2008, element 10.1) u li daħlet fis-seħħ fit-13 ta' Settembru 2009 skont l-Artikolu 28 tal-Konvenzjoni

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/890

## tal-4 ta' Ġunju 2018

## dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1914 ([2]), il-Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu ([3]) ("il-Protokoll Addizzjonali") ġie ffirmat fit-22 ta' Ottubru 2015, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

(2) L-Artikolu 10 tal-Protokoll Addizzjonali jipprevedi li l-Protokoll Addizzjonali għandu jkun miftuħ għall-approvazzjoni tal-Unjoni.

(3) Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) stabbilixxiet regoli komuni tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Għaldaqstant, l-Unjoni diġà adottat miżuri f'oqsma differenti koperti mill-Protokoll Addizzjonali.

(4) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Protokoll Addizzjonali jiġi approvat f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni sa fejn il-Protokoll Addizzjonali jista' jaffettwa dawk ir-regoli komuni jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sa fejn il-Protokoll Addizzjonali ma jaffettwax ir-regoli komuni jew jibdel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

(5) Il-Protokoll Addizzjonali jeħtieġ li kull Parti taħtar punt ta' kuntatt għall-fini ta' skambju ta' informazzjoni dwar persuni li jivvjaġġaw għall-fini ta' terroriżmu. L-Europol jenħtieġ li jintgħażel bħala l-punt ta' kuntatt għall-Unjoni. Jistgħu jintgħażlu wkoll punti ta' kuntatt għall-Istati Membri.

(6) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI ([5]) u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll Addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

([1]) Approvazzjoni tat-18 ta' April 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1914 tat-18 ta' Settembru 2015, dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 196) (ĠU L 280, 24.10.2015, p. 24).
([3]) CETS Nru. 217.
([4]) Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3).

*Artikolu 2*

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) hija maħtura bħala l-punt ta' kuntatt għall-Unjoni, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Protokoll Addizzjonali u skont ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 10 tal-Protokoll Addizzjonali ([2]).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ġunju 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

T. TSACHEVA

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

([2]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali għall-Unjoni Ewropea ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjal mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

# PROTOKOLL ADDIZZJONALI GĦALL-KONVENZJONI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA DWAR IL-PREVENZJONI TAT-TERRORIŻMU

Riga, 22 ta' Ottubru 2015

L-ISTATI MEMBRI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA U L-PARTIJIET L-OĦRA GĦALL-KONVENZJONI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA DWAR IL-PREVENZJONI TAT-TERRORIŻMU (CETS Nru. 196), firmatarji ta' dan il-Protokoll,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-għan tal-Kunsill tal-Ewropa huwa li jikseb għaqda akbar fost il-membri tiegħu;

FILWAQT LI JIXTIEQU li jkomplu jsaħħu l-isforzi għall-prevenzjoni u t-trażżin tat-terroriżmu fil-forom kollha tiegħu, kemm fl-Ewropa kif ukoll globalment, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

FILWAQT LI JFAKKRU d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali stabbiliti, b'mod partikolari, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertaijiet Fundamentali (ETS Nru 5) u l-Protokolli tagħha, kif ukoll fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

FILWAQT LI JESPRIMU t-tħassib serju tagħhom dwar it-theddida minn persuni li jkunu qed jivvjaġġaw barra mill-pajjiż għall-iskop li jwettqu, li jikkontribwixxu jew li jipparteċipaw f'reati terroristiċi, jew l-għoti jew ir-riċeviment ta' taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu fit-territorju ta' Stat ieħor;

WARA LI KKUNSIDRAW f'dan ir-rigward ir-Riżoluzzjoni 2178 (2014) adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fis-7272 laqgħa tiegħu fl-24 ta' Settembru 2014, b'mod partikolari l-paragrafi 4 sa 6 tagħha;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li huwa mixtieq li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu tiġi supplementata f'ċerti aspetti,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

## Għan

L-għan ta' dan il-Protokoll huwa li jissupplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu, miftuħa għall-iffirmar f'Varsavja fis-16 ta' Mejju 2005 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") rigward il-kriminalizzazzjoni tal-atti deskritti fl-Artikoli 2 sa 6 ta' dan il-Protokoll, u b'hekk issaħħaħ l-isforzi tal-Partijiet fil-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-effetti negattivi tiegħu fuq it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja, kemm permezz ta' miżuri li għandhom jittieħdu f'livell nazzjonali kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali, b'kunsiderazzjoni xierqa għat-trattati jew ftehimiet bilaterali jew multilaterali applikabbli eżistenti bejn il-Partijiet.

*Artikolu 2*

## Parteċipazzjoni f'assoċjazzjoni jew grupp għall-iskop ta' terroriżmu

1. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, "parteċipazzjoni f'assoċjazzjoni jew grupp għall-iskop ta' terroriżmu" tfisser il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' assoċjazzjoni jew grupp għall-iskop li jitwettaq reat terroristiku wieħed jew aktar mill-assoċjazzjoni jew il-grupp, jew li jingħata kontribut minnhom għal tali reat.

2. Kull Parti għandha tadotta dawk il-miżuri li jistgħu jkunu neċessarji biex "il-parteċipazzjoni f'assoċjazzjoni jew grupp għall-iskop ta' terroriżmu", kif definita fil-paragrafu 1, meta ssir b'mod illegali u intenzjonalment, tiġi stabbilita bħala reat kriminali skont il-liġi domestika tagħha.

*Artikolu 3*

## Li tirċievi taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu

1. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, "li tirċievi taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu" tfisser li tingħata struzzjoni, inkluża l-kisba ta' għarfien jew ħiliet prattiċi, minn persuna oħra fil-preparazzjoni jew l-użu ta' splussivi, armi tan-nar jew armi oħra jew sustanzi li jagħmlu l-ħsara jew li huma perikolużi, jew l-użu ta' metodi oħra speċifiċi jew tekniċi, bil-għan li jitwettaq reat terroristiku jew li jingħata kontribut għat-twettiq tiegħu.

2. Kull Parti għandha tadotta dawk il-miżuri li jistgħu jkunu neċessarji biex tiġi stabbilita "l-parteċipazzjoni f'assoċ-jazzjoni jew grupp għall-iskop ta' terroriżmu", kif definit fil-paragrafu 1, meta jitwettqu b'mod illegali u intenzjonalment, bħala reat kriminali skont il-liġi domestika tagħha.

*Artikolu 4*

**Vjaġġar barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, "vjaġġar barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu" tfisser vjaġġar lejn Stat li mhuwiex dak ta' nazzjonalità jew residenza tal-vjaġġatur, għall-fini ta' twettiq ta', kontribuzzjoni lil, jew parteċipazzjoni f'reat terroristiku, jew li jiġi pprovdut jew riċevut taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu.

2. Kull Parti għandha tadotta dawk il-miżuri li jistgħu jkunu neċessarji biex jiġi stabbilit "vjaġġar barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu", kif definit fil-paragrafu 1, mit-territorju tagħha jew miċ-ċittadini tagħha, meta jitwettaq b'mod illegali u intenzjonalment, bħala reat kriminali skont il-liġi domestika tagħha. Waqt li tagħmel dan kull Parti tista' tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa minn u f'konformità mal-prinċipji kostituzzjonali tagħha.

3. Kull Parti għandha tadotta wkoll dawk il-miżuri li jistgħu jkunu neċessarji biex tistabbilixxi bħala reat kriminali skont, u f'konformità mal-liġi domestika tagħha t-tentattiv biex jitwettaq reat kif stabbilit f'dan l-artikolu.

*Artikolu 5*

**Finanzjament ta' vjaġġar barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, "finanzjament ta' vjaġġar barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu" tfisser il-provvista jew il-ġbir, b'kwalunkwe mezz, direttament jew indirettament, ta' fondi li b'mod sħiħ jew parzjali jippermettu lil kwalunkwe persuna tivvjaġġa barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu, kif definit fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1, ta' dan il-Protokoll, bl-għarfien li l-fondi huma kompletament jew parzjalment maħsuba biex jintużaw għal dan l-għan.

2. Kull Parti għandha tadotta l-miżuri li jistgħu jkunu neċessarji biex jiġi stabbilit il-"finanzjament ta' vjaġġar barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu", kif definit fil-paragrafu 1, meta jitwettqu b'mod illegali u intenzjonalment, bħala reat kriminali skont il-liġi domestika tagħha.

*Artikolu 6*

**Organizzazzjoni jew faċilitazzjoni b'mod ieħor ta' vjaġġar barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, "organizzazzjoni jew faċilitazzjoni b'mod ieħor tal-ivvjaġġar barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu" tfisser kwalunkwe att ta' organizzazzjoni jew ta' ffaċilitar li tassisti kwalunkwe persuna biex tivvjaġġa barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu, kif definit fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1, ta' dan il-Protokoll, bl-għarfien li l-għajnuna b'hekk mogħtija hija għall-iskop ta' terroriżmu.

2. Kull Parti għandha tadotta l-miżuri li jistgħu jkunu neċessarji biex "organizzazzjoni jew faċilitazzjoni b'mod ieħor ta' vjaġġar barra mill-pajjiż għall-iskop ta' terroriżmu", kif definiti fil-paragrafu 1, meta jitwettqu b'mod illegali u intenzjonalment, jiġu stabbiliti bħala reat kriminali skont il-liġi domestika tagħha.

*Artikolu 7*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, paragrafu 2, subparagrafu a, tal-Konvenzjoni u b'konformità mal-liġi domestika tagħha u l-obbligi internazzjonali eżistenti, kull Parti għandha tieħu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jissaħħaħ l-iskambju f'waqtu bejn il-partijiet ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti disponibbli dwar persuni li jivvjaġġaw barra mill-pajjiż għal skopijiet ta' terroriżmu, kif definit fl-Artikolu 4. Għal dan l-għan, kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt disponibbli fuq bażi ta' 24 siegħa, sebat ijiem fil-ġimgħa.

2. Parti tista' tagħżel li taħtar punt ta' kuntatt diġà eżistenti skont il-paragrafu 1.

3. Punt ta' kuntatt ta' Parti għandu jkollu l-kapaċità li jwettaq malajr komunikazzjonijiet mal-punt ta' kuntatt ta' Parti oħra fuq bażi rapida.

*Artikolu 8*

**Kundizzjonijiet u salvagwardji**

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, inkluż l-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-kriminalizzazzjoni skont l-Artikoli 2 sa 6, titwettaq filwaqt li jiġu rispettati l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-dritt tal-libertà ta' moviment, il-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tar-reliġjon, kif stipulati, fejn applikabbli għal dik il-Parti, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u obbligi oħrajn skont il-liġi internazzjonali.

2. L-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-kriminalizzazzjoni skont l-Artikoli 2 sa 6 ta' dan il-Protokoll jenħtieġ li, aktar minn hekk, ikunu suġġetti għall-prinċipju tal-proporzjonalità, fir-rigward tal-għanijiet leġittimi li jkunu qed jiġu segwiti u tal-ħtieġa tagħhom f'soċjetà demokratika, u jenħtieġ li jeskludu kwalunkwe forma ta' arbitrarjetà jew trattament diskriminatorju jew razzist.

*Artikolu 9*

**Ir-Relazzjoni bejn dan il-Protokoll u l-Konvenzjoni**

Il-kliem u l-espressjonijiet użati f'dan il-Protokoll għandhom jiġu interpretati fis-sens ta' din il-Konvenzjoni. Kif inhu l-każ bejn il-Partijiet, id-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw kif meħtieġ, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9.

*Artikolu 10*

**L-iffirmar u d-dħul fis-seħħ**

1. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-iffirmar mill-Firmatarji tal-Konvenzjoni. Huwa għandu jkun soġġett għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Firmatarju ma jistax jirratifika, jaċċetta jew japprova dan il-Protokoll sakemm qabel ma jkunx irratifika, aċċetta jew approva l-Konvenzjoni, jew sakemm ma jagħmilx dan simultanjament. L-istrumenti tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-depożitu tas-sitt strument tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni, inklużi mill-anqas erba' Stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa.

3. Fir-rigward ta' kwalunkwe Firmatarju li sussegwentement jiddepożita l-istrument tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni, dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jiskadi l-perjodu ta' tliet xhur wara d data ta' depożitu tal-istrument tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni.

*Artikolu 11*

**L-Adeżjoni mal-Protokoll**

1. Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, kwalunkwe Stat, li jkun aderixxa mal-Konvenzjoni, jista' jaderixxi wkoll ma' dan il-Protokoll jew jagħmel dan simultanjament.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe Stat li jaderixxi mal-Protokoll skont il-paragrafu 1 hawn fuq, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jsegwi l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data tad-depożitu tal-istrument tal-adeżjoni għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

*Artikolu 12*

**L-applikazzjoni territorjali**

1. Kwalunkwe Stat tal-Unjoni Ewropea jista', fil-mument tal-firma jew meta jiddepożita l-istrument tiegħu tar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, jispeċifika t-territorju jew it-territorji li għalihom din il-Konvenzjoni għandha tkun applikabbli.

2. Kwalunkwe Parti tista', f' kwalunkwe mument wara dan, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, testendi l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għal kwalunkwe territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni. Fejn jidħol tali territorju, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data meta tasal id-dikjarazzjoni għand is-Segretarju Ġenerali.

3. Kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir skont iż-żewġ paragrafi preċedenti tista', fir-rigward ta' kwalunkwe territorju speċifikat f'din id-dikjarazzjoni, tiġi rtirata b'notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-irtirar għandu jsir effettiv fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data meta s-Segretarju Ġenerali jirċievi n-notifika.

*Artikolu 13*

**Denunzja**

1. Kwalunkwe Parti tista', f' kwalunkwe mument, tiddenunzja dan il-Protokoll permezz ta' avviż indirizzat lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Din id-denunzja għandha ssir effettiva mill-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur mid-data meta n-notifika tasal għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

3. Id-denunzja tal-Konvenzjoni awtomatikament timplika denunzja ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 14*

**Notifiki**

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lill-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Unjoni Ewropea, l-Istati li ma humiex membri li jkunu pparteċipaw fl-elaborazzjoni ta' dan il-Protokoll kif ukoll kwalunkwe Stat ieħor li jkun aderixxa, jew ġie mistieden biex jaderixxi, għal dan il-Protokoll dwar:

a. kwalunkwe firma;

b. id-depożitu ta' kwalunkwe strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni;

c. kwalunkwe data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, b'konformità mal-Artikoli 10 u 11;

d. kwalunkwe att, dikjarazzjoni, notifika jew komunikazzjoni oħra relatati ma' dan il-Protokoll.

B'XHIEDA TA' DAN, dawk hawn taħt iffirmati, debitament awtorizzati għal dan, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul f'Riga, dan it- 22 jum ta' Ottubru 2015, fil-lingwa Ingliża u Franċiża, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, f'kopja waħda li għandha tkun iddepożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jibgħat kopjia ċċertifikati lil kull Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati li mhumiex membri u li pparteċipaw fl-elaborazzjoni ta' dan il-Protokoll, u lil kwalunkwe Stat mistieden sabiex jaderixxi għalih.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/891

**tal-21 ta' Ġunju 2018**

**li jistabbilixxi l-livelli massimi tal-baġit għall-2018 applikabbli għal ċerti skemi diretti ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 22(1), 36(4), 42(2), 47(3), 49(2), 51(4) u 53(7) tiegħu,

Billi:

(1) Għal kull Stat Membru li jimplimenta l-iskema ta' pagament bażiku stipulata fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 22(1) ta' dak ir-Regolament għall-2018 għandu jiġi ffissat mill-Kummissjoni billi jitnaqqsu l-ammonti massimi ffissati skont l-Artikoli 42, 47, 49, 51 u 53 ta' dak ir-Regolament mil-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għandhom jiġu kkunsidrati kwalunkwe żidiet applikati mill-Istati Membri skont din id-dispożizzjoni.

(2) Għal kull Stat Membru li jimplimenta l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja stipulata fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 36(4) ta' dak ir-Regolament għall-2018 għandu jiġi ffissat mill-Kummissjoni billi jitnaqqsu l-ammonti massimi ffissati skont l-Artikoli 42, 47, 49, 51 u 53 ta' dak ir-Regolament mil-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament. B'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, meta l-Kummissjoni tiffissa l-limitu massimu nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament uniku din trid tieħu kont taż-żidiet applikati mill-Istati Membri b'rabta ma' din id-dispożizzjoni.

(3) Għal kull Stat Membru li jagħti l-pagament ridistributtiv previst fil-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 42(2) ta' dak ir-Regolament għas-sena 2018 għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni abbażi tal-persentaġġ notifikat minn dawk l-Istati Membri skont l-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament.

(4) Fir-rigward tal-pagament għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent previst fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fl-2018, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 47(3) ta' dak ir-Regolament għall-2018 għandhom jiġu kkalkulati skont l-Artikolu 47(1) ta' dak ir-Regolament u jammontaw għal 30 % tal-limitu massimu nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti kif stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

(5) Għal Stati Membri li jagħtu l-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali previst fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 49(2) ta' dak ir-Regolament għall-2018 għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-persentaġġ notifikat mill-Istati Membri rilevanti skont l-Artikolu 49(1) ta' dak ir-Regolament.

(6) Fir-rigward tal-pagament għal bdiewa żgħażagħ previst fil-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 51(4) ta' dak ir-Regolament għall-2018 għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-persentaġġ notifikat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament u ma jridux ikunu iżjed minn 2 % tal-limitu massimu annwali ffissat fl-Anness II.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

(7) Meta l-ammont totali tal-pagament għal bdiewa żgħażagħ applikat fl-2018 fi Stat Membru jkun jaqbeż il-limitu massimu stabbilit skont l-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għal dak l-Istat Membru, id-differenza għandha tiġi ffinanzjata mill-Istat Membru b'konformità mal-Artikolu 51(2) ta' dak ir-Regolament filwaqt li jiġi rrispettat l-ammont massimu stabbilit fl-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament. Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa xieraq li jiġi stabbilit dan l-ammont massimu għal kull Stat Membru.

(8) Għal kull Stat Membru li jagħti l-appoġġ akkoppjat volontarju previst fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fl-2018, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 53(7) ta' dak ir-Regolament għall-2018 abbażi tal-persentaġġ notifikat mill-Istat Membru rilevanti skont l-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament.

(9) Fir-rigward tas-sena 2018, l-implimentazzjoni tal-iskemi diretti ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 bdiet fl-It-Tnejn, 1 ta' Jannar 2018. Għal raġunijiet ta' konsistenza bejn l-applikabbiltà ta' dak ir-Regolament għas-sena tat-talba 2018 u l-applikabbiltà tal-limiti massimi baġitarji korrispondenti, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2018 għall-iskema ta' pagament bażiku msemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt I tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2018 għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja msemmija fl-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt II tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2018 għall-pagament ridistributtiv imsemmi fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt III tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2018 għall-pagamenti ta' prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent imsemmi fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt IV tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2018 għall-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali msemmi fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt V tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2018 għall-pagament għal bdiewa żgħażagħ imsemmi fl-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VI tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-ammonti massimi għall-2018 għall-pagament għal bdiewa żgħażagħ imsemmi fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VII tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2018 għall-appoġġ akkoppjat volontarju msemmi fl-Artikolu 53(7) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VIII tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ġunju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

## I. Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament bażiku msemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Il-Belġju | 214 405 |
| Id-Danimarka | 546 808 |
| Il-Ġermanja | 3 005 470 |
| L-Irlanda | 825 895 |
| Il-Greċja | 1 103 650 |
| Spanja | 2 835 995 |
| Franza | 3 036 371 |
| Il-Kroazja | 126 001 |
| L-Italja | 2 217 396 |
| Il-Lussemburgu | 22 760 |
| Malta | 649 |
| In-Netherlands | 475 161 |
| L-Awstrija | 470 387 |
| Il-Portugall | 273 500 |
| Is-Slovenja | 74 288 |
| Il-Finlandja | 262 554 |
| L-Iżvezja | 402 464 |
| Ir-Renju Unit | 2 102 726 |

## II. Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja msemmija fl-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Il-Bulgarija | 379 916 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 472 217 |
| L-Estonja | 87 170 |
| Ċipru | 30 340 |
| Il-Latvja | 137 210 |
| Il-Litwanja | 184 186 |
| L-Ungerija | 733 283 |

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Il-Polonja | 1 568 075 |
| Ir-Rumanija | 989 564 |
| Is-Slovakkja | 260 865 |

III. **Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-pagament ridistributtiv imsemmi fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Il-Belġju | 46 780 |
| Il-Bulgarija | 55 872 |
| Il-Ġermanja | 337 423 |
| Franza | 690 084 |
| Il-Kroazja | 27 939 |
| Il-Litwanja | 71 298 |
| Il-Polonja | 293 930 |
| Il-Portugall | 23 050 |
| Ir-Rumanija | 99 436 |
| Ir-Renju Unit | 64 991 |

IV. **Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent kif imsemmija fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Il-Belġju | 146 689 |
| Il-Bulgarija | 238 428 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 258 512 |
| Id-Danimarka | 248 032 |
| Il-Ġermanja | 1 446 097 |
| L-Estonja | 40 181 |
| L-Irlanda | 363 445 |
| Il-Greċja | 556 642 |
| Spanja | 1 464 015 |
| Franza | 2 070 253 |
| Il-Kroazja | 83 816 |

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| L-Italja | 1 125 581 |
| Ċipru | 14 747 |
| Il-Latvja | 76 588 |
| Il-Litwanja | 142 596 |
| Il-Lussemburgu | 10 038 |
| L-Ungerija | 402 903 |
| Malta | 1 573 |
| In-Netherlands | 204 785 |
| L-Awstrija | 207 524 |
| Il-Polonja | 1 029 371 |
| Il-Portugall | 177 212 |
| Ir-Rumanija | 561 846 |
| Is-Slovenja | 40 542 |
| Is-Slovakkja | 134 447 |
| Il-Finlandja | 157 219 |
| L-Iżvezja | 209 617 |
| Ir-Renju Unit | 958 734 |

V. **Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-pagament għal erjas b'restrizzjonijiet naturali msemmija fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Id-Danimarka | 2 857 |
| Is-Slovenja | 2 135 |

VI. **Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-pagament għall-bdiewa żgħażagħ imsemmi fl-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Il-Belġju | 9 229 |
| Il-Bulgarija | 1 329 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1 723 |
| Id-Danimarka | 4 942 |
| Il-Ġermanja | 48 203 |

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| L-Estonja | 442 |
| L-Irlanda | 24 230 |
| Il-Greċja | 37 109 |
| Spanja | 97 601 |
| Franza | 69 008 |
| Il-Kroazja | 5 588 |
| L-Italja | 37 519 |
| Ċipru | 480 |
| Il-Latvja | 3 200 |
| Il-Litwanja | 5 941 |
| Il-Lussemburgu | 502 |
| L-Ungerija | 5 372 |
| Malta | 21 |
| In-Netherlands | 13 652 |
| L-Awstrija | 13 835 |
| Il-Polonja | 34 312 |
| Il-Portugall | 11 814 |
| Ir-Rumanija | 18 728 |
| Is-Slovenja | 2 027 |
| Is-Slovakkja | 857 |
| Il-Finlandja | 5 241 |
| L-Iżvezja | 10 481 |
| Ir-Renju Unit | 16 358 |

VII. **L-ammonti massimi għall-pagament għall bdiewa żgħażagħ imsemmi fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Il-Belġju | 9 779 |
| Il-Bulgarija | 15 895 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 17 234 |
| Id-Danimarka | 16 535 |

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Il-Ġermanja | 96 406 |
| L-Estonja | 2 679 |
| L-Irlanda | 24 230 |
| Il-Greċja | 37 109 |
| Spanja | 97 601 |
| Franza | 138 017 |
| Il-Kroazja | 5 588 |
| L-Italja | 75 039 |
| Ċipru | 983 |
| Il-Latvja | 5 106 |
| Il-Litwanja | 9 506 |
| Il-Lussemburgu | 669 |
| L-Ungerija | 26 860 |
| Malta | 105 |
| In-Netherlands | 13 652 |
| L-Awstrija | 13 835 |
| Il-Polonja | 68 625 |
| Il-Portugall | 11 814 |
| Ir-Rumanija | 37 456 |
| Is-Slovenja | 2 703 |
| Is-Slovakkja | 8 963 |
| Il-Finlandja | 10 481 |
| L-Iżvezja | 13 974 |
| Ir-Renju Unit | 63 916 |

VIII. **Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-appoġġ akkoppjat volontarju msemmi fl-Artikolu 53(7) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Il-Belġju | 82 129 |
| Il-Bulgarija | 119 214 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 129 256 |

*(f'eluf ta' EUR)*

| Sena kalendarja | 2018 |
|---|---|
| Id-Danimarka | 24 135 |
| L-Estonja | 6 142 |
| L-Irlanda | 3 000 |
| Il-Greċja | 184 049 |
| Spanja | 584 919 |
| Franza | 1 035 126 |
| Il-Kroazja | 41 908 |
| L-Italja | 450 232 |
| Ċipru | 3 932 |
| Il-Latvja | 38 294 |
| Il-Litwanja | 71 298 |
| Il-Lussemburgu | 160 |
| L-Ungerija | 201 452 |
| Malta | 3 000 |
| In-Netherlands | 3 353 |
| L-Awstrija | 14 527 |
| Il-Polonja | 505 548 |
| Il-Portugall | 117 535 |
| Ir-Rumanija | 242 576 |
| Is-Slovenja | 17 568 |
| Is-Slovakkja | 58 260 |
| Il-Finlandja | 102 716 |
| L-Iżvezja | 90 834 |
| Ir-Renju Unit | 52 972 |

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/892

## tas-21 ta’ Ġunju 2018

## dwar il-prezz minimu għax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat għall-wieħed u għoxrin sejħa parzjali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/2080

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1240 tat-18 ta’ Mejju 2016 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ intervent pubbliku u ta’ għajnuna għall-ħżin privat ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2080 ([3]) fetaħ il-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta’ proċedura ta’ sejħa għall-offerti.

(2) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b’risposta għall-wieħed u għoxrin stedina għall-offerti parzjali, għandu jiġi ffissat prezz minimu tal-bejgħ.

(3) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-wieħed u għoxrin sejħa parzjali għall-offerti għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat fil-kuntest tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/2080, illi fir-rigward tagħha l-perjodu meta l-offerti kellhom jintefgħu ntemm fid-19 ta’ Ġunju 2018, il-prezz minimu tal-bejgħ għandu jkun ta’ EUR 119,50/100 kg.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta’ Ġunju 2018.

*Għall-Kummissjoni,*

*F’isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 206, 30.7.2016, p. 71.
([3]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2080 tal-25 ta’ Novembru 2016 dwar il-ftuħ tal-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta’ proċedura ta’ sejħa għall-offerti (ĠU L 321, 29.11.2016, p. 45).

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/893

**tat-18 ta' Ġunju 2018**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) u l-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 għall-Ftehim ŻEE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Bis-saħħa tal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) u l-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 ("Protokoll 37") għall-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament (KE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament (UE) 2016/679 iħassar id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XI u l-Protokoll 37 għall-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan.

(6) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) u l-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 għall-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).
([4]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ġunju 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. PORODZANOV

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …**

**ta'…**

**li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) u l-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 għall-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Filwaqt li jirrikonoxxi li l-protezzjoni tad-*data* hija dritt fundamentali mħares f'diversi ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

(3) Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tad-drittijiet u l-obbligi indaqs tal-kontrolluri u l-proċessuri tad-*data* fiż-ŻEE.

(4) Din id-Deċiżjoni tipprevedi li l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati tal-EFTA għandhom jieħdu sehem bl-ikbar mod possibbli fil-punt uniku ta' servizz u l-mekkaniżmu ta' konsistenza u, apparti mid-dritt għall-vot u li joħorġu għal elezzjoni bħala president jew viċi presidenti tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ("il-Bord"), stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2016/679, għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri tal-UE f'dak il-Bord. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati tal-EFTA għandhom jiġu inklużi fl-attivitajiet tal-Bord, inkluż l-attivitajiet ta' kwalunkwe sottogrupp li l-Bord jista' jistabbilixxi biex iwettaq ħidmietu, u li jirċievu kull informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jieħdu sehem b'mod effettiv inkluża, skont kif ikun meħtieġ, permezz ta' aċċess sħiħ għal kwalunkwe sistema elettronika għall-iskambju tal-informazzjoni li l-Bord jista' jwaqqaf.

(5) Ir-Regolament (UE) 2016/679 iħassar id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness XI u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 5e (id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XI għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**32016 R 0679**: Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-awtoritajiet superviżorji tal-Istati tal-EFTA għandhom jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord". Għal dak il-għan, apparti mid-dritt għall-vot u li joħorġu għal elezzjoni bħala president jew viċi presidenti tal-Bord, huma għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim. Il-pożizzjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji tal-Istati tal-EFTA għandhom jiġu reġistrati separatament mill-Bord.

Ir-regoli ta' proċedura tal-Bord għandhom jagħtu effett sħiħ għall-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji tal-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bl-eċċezzjoni tad-drittijiet tal-vot u tal-kandidatura għall-presidenza jew il-viċi presidenza tal-Bord.

([1]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
([2]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(b) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 għal dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat/i Membru/i" u "awtoritajiet superviżorji" għandhom jiġu interpretati fis-sens li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet superviżorji tagħhom, rispettivament.

(c) Ir-referenzi għad-dritt tal-Unjoni jew għad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li qed jirreferu għall-Ftehim taż-ŻEE jew għad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* fil-Ftehim, rispettivament.

(d) Fl-Artikoli 13(1)(f) u 14(1)(f), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "applikabbli skont il-Ftehim ŻEE" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "deċiżjoni ta' adegwatezza mill-Kummissjoni".

(e) Fl-Artikolu 45, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 1:

"1a. Sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE biex jiġi inkoporat fil-Ftehim ŻEE att ta' implimentazzjoni adottat bis-saħħa tal-paragrafi 3 jew 5 ta' dan l-Artikolu, Stat tal-EFTA jista' jiddeċiedi li japplika l-miżuri li hemm fih.

Qabel id-dħul fis-seħħ ta' kull att ta' implimentazzjoni adottat bis-saħħa tal-paragrafi 3 jew 5 ta' dan l-Artikolu, kull Stat tal-EFTA għandu jiddeċiedi u jinforma lill-Kummissjoni u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jekk, sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li l-att ta' implimentazzjoni jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE, huwiex se japplika l-miżuri li jkun hemm fih fl-istess ħin bħall-Istati Membri tal-UE jew le. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni kuntrarja, kull Stat tal-EFTA għandu japplika l-miżuri li jkun hemm f'att ta' implimentazzjoni adottat bis-saħħa tal-paragrafi 3 jew 5 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin bħall-Istati Membri tal-UE.

Minkejja l-Artikolu 102 tal-Ftehim, jekk ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim dwar l-inkorporazzjoni fil-Ftehim ŻEE ta' att ta' implimentazzjoni adottat bis-saħħa tal-paragrafi 3 jew 5 ta' dan l-Artikolu fi żmien tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-att ta' implimentazzjoni, kull Stat tal-EFTA jista' jieqaf japplika tali miżuri u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA b'dan mingħajr dewmien.

Il-Partijiet Kontraenti l-oħra tal-Ftehim ŻEE għandhom, b'deroga mill-Artikolu 1(3), jillimitaw jew jipprojbixxu l-fluss liberu tad-*data* personali lejn Stat tal-EFTA li ma japplikax il-miżuri li jkun hemm f'att ta' implimentazzjoni adottat bis-saħħa tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu bl-istess mod kif dawn il-miżuri jipprevjenu t-trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiż terz jew lejn organizzazzjoni internazzjonali.".

(f) Kull meta l-UE tidħol f'konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali bl-għan li tadotta deċiżjoni ta' adegwatezza skont l-Artikolu 45, l-Istati tal-EFTA għandhom jinżammu infurmati kif xieraq. F'każijiet fejn il-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali jkunu daħlu għal obbligi speċifiċi rigward l-ipproċessar ta' *data* personali mill-Istati Membri, l-UE tqis is-sitwazzjoni tal-Istati tal-EFTA u tiddiskuti ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali mekkaniżmi possibbli għall-applikazzjoni possibbli sussegwenti mill-Istati tal-EFTA.

(g) Fl-Artikolu 46(2)(d) għandu jiżdied dan li ġej:

"L-awtoritajiet superviżorji tal-Istati tal-EFTA għandu jkollhom l-istess dritt bħall-awtoritajiet superviżorji tal-UE li jippreżentaw klawżoli tal-protezzjoni tad-*data* standard lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 93(2).".

(h) Fl-Artikolu 46, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-paragrafu 2:

"2a. Sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorpora att ta' implimentazzjoni fil-Ftehim ŻEE, is-salvagwardji xierqa msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu previsti minn klawżoli standard ta' protezzjoni tad-*data* msemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 46(2) meta Stat tal-EFTA japplika l-miżuri li jkun hemm fihom.

Qabel id-dħul fis-seħħ ta' atti ta' implimentazzjoni adottati bis-saħħa tal-punti (c) u (d) tal-Artikolu 46(2), kull Stat tal-EFTA għandu jiddeċiedi u jinforma lill-Kummissjoni u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jekk huwiex, sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li l-att ta' implimentazzjoni jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE, se japplika l-miżuri li jkun hemm fih fl-istess ħin bħall-Istati Membri tal-UE jew le. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni kuntrarja, kull Stat tal-EFTA għandu japplika l-miżuri li jkun hemm f'att ta' implimentazzjoni adottat bis-saħħa tal-punti (c) u (d) tal-Artikolu 46(2) fl-istess ħin bħall-Istati Membri tal-UE.

Minkejja l-Artikolu 102 tal-Ftehim, jekk ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim dwar l-inkorporazzjoni fil-Ftehim ŻEE ta' att ta' implimentazzjoni adottat bis-saħħa tal-punti (c) u (d) tal-Artikolu 46(2) fi żmien tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dak l-att ta' implimentazzjoni, kull Stat tal-EFTA jista' jieqaf japplika tali miżuri u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA b'dan mingħajr dewmien.".

(i) Fl-Artikolu 58(4), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "f'konformità mal-Karta" ma għandux japplika.

(j) Fl-Artikolu 59, il-kliem ", lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "lill-Kummissjoni".

(k) L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandu jkollha d-dritt li tieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord mingħajr dritt tal-vot. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinnomina rappreżentant.

(l) Fejn dan ikun relevanti għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skont l-Artikolu 109 ta' dan il-Ftehim, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandu jkollha d-dritt li titlob pariri jew opinjonijiet mingħandil-Bord u li tikkomunika kwistjonijiet lilu bis-saħħa tal-Artikoli 63, 64(2), 65(1)(c) u 70(1)(e). Fl-Artikoli 63, 64(2), 65(1)(c) u 70(1)(e), il-kliem "u, fejn relevanti, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-Kummissjoni".

(m) Il-President tal-Bord, jew is-segretarjat, għandu jikkomunika lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA l-attivitajiet tal-Bord, fejn dan ikun relevanti skont l-Artikoli 64(5) (a) u (b), 65(5), u 75(6)(b). Fl-Artikoli 64(5) (a) u (b), 65(5), u 75(6)(b), il-kliem "u, fejn relevanti, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-Kummissjoni".

Fejn dan ikun relevanti għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skont l-Artikolu 109 ta' dan il-Ftehim, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandu jkollha d-dritt li tirċievi informazzjoni mingħand awtorità superviżorja ta' wieħed mill-Istati tal-EFTA kkonċernati bis-saħħa tal-Artikolu 66(1). Fl-Artikolu 66(1), il-kliem "u, fejn relevanti, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-Kummissjoni".

(n) Fl-Artikolu 71(1), il-kliem ", lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kunsill".

(o) Fl-Artikolu 73(1), għandha tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Il-membri tal-Bord mill-Istati tal-EFTA ma għandhomx ikunu eliġibbli li jkunu eletti bħala president jew viċi presidenti.".".

*Artikolu 2*

It-test tal-punt 13 (Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni ta' Individwi fl-Ipproċessar ta' *Data* Personali) tal-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE għandu jitħassar.

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolament (UE) 2016/679 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tan-notifika tagħha,skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President* *Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma huwa indikat.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru XX ta' JJ.XX.SS li tinkorpora r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il- Protezzjoni tad-*Data*) fil-Ftehim ŻEE.

Konxji tas-sistema ta' żewġ pilastri tal-Ftehim ŻEE u b'konsiderazzjoni għall-effett vinkolanti dirett tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* fir-rigward tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fl-Istati taż-ŻEE-EFTA il-Partijiet Kontraenti:

— jieħdu nota tal-fatt li d-deċiżjonijiet tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* huma diretti lejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali,

— jirrikonoxxu li din is-soluzzjoni ma toħloqx preċedent għal adattamenti futuri ta' atti tal-UE li għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/894**

**tal-21 ta' Ġunju 2018**

**li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri**

*(notifikata bid-dokument C(2018) 4007)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/247 ([3]) ġiet adottata wara t-tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5 f'għadd ta' Stati Membri ("l-Istati Membri kkonċernati"), u l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ([4]).

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 tistipula li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati skont id-Direttiva 2005/94/KE jridu jinkludu minn tal-inqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 tistipula wkoll li l-miżuri li jridu jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif previst fl-Artikolu 29(1) u fl-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE, iridu jinżammu minn tal-inqas sad-dati għal dawk iż-żoni stabbiliti fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(3) Mid-data tal-adozzjoni tagħha 'l hawn, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 ġiet emendata diversi drabi sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tal-influwenza avjarja. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/247 ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/696 ([5]) sabiex jiġu stabbiliti r-regoli dwar id-dispaċċ tal-konsenji ta' flieles ta' jum miż-żoni elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247. Dik l-emenda qieset il-fatt li hemm riskju baxx ħafna li l-flieles ta' jum ixerrdu l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja meta mqabbla ma' prodotti bażiċi oħra tal-pollam.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 ġiet emendata wkoll sussegwentement bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1841 ([6]) sabiex jissaħħu l-miżuri ta' kontroll tal-mard applikabbli fejn hemm riskju ikbar li tinxtered l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja. B'konsegwenza ta' dan, issa d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 tipprevedi l-istabbiliment fil-livell tal-Unjoni ta' żoni ristretti oħra fl-Istati Membri kkonċernati, kif imsemmi fl-Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2005/94/KE, wara tifqigħa jew wara tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja, u kemm idumu l-miżuri li jridu jiġu applikati fihom. Issa d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 tistipula wkoll ir-regoli għad-dispaċċ tal-pollam ħaj, tal-flieles ta' jum u tal-bajd għat-tifqis miż-żoni ristretti l-oħrajn lejn Stati Membri oħra, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/247 tad-9 ta' Frar 2017 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L 36, 11.2.2017, p. 62).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16).
([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/696 tal-11 ta' April 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L 101, 13.4.2017, p. 80).
([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1841 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L 261, 11.10.2017, p. 26).

(5) Barra minn hekk, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 ġie emendat diversi drabi, l-iktar biex jitqiesu l-bidliet fil-konfini taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-Istati Membri kkonċernati skont id-Direttiva 2005/94/KE.

(6) L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 ġie emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/821 ([1]), wara n-notifika mill-Bulgarija dwar tifqigħa ġdida tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'azjenda tal-pollam li tinsab fir-reġjun ta' Dobrich ta' dak l-Istat Membru. Il-Bulgarija nnotifikat ukoll lill-Kummissjoni li ħadet il-miżuri neċessarji meħtieġa skont id-Direttiva 2005/94/KE wara din it-tifqigħa l-ġdida, inkluż l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza madwar l-azjenda tal-pollam infettat.

(7) Mid-data li fiha saret l-aħħar emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/821 'il hawn, il-Bulgarija nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa oħra ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'azjenda tal-pollam li tinsab mill-ġdid fir-reġjun ta' Dobrich ta' dak l-Istat Membru.

(8) Il-Bulgarija nnotifikat ukoll lill-Kummissjoni li ħadet il-miżuri neċessarji meħtieġa skont id-Direttiva 2005/94/KE wara li seħħet dik it-tifqigħa l-ġdida, inkluż l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza madwar l-azjenda tal-pollam infettat f'dak l-Istat Membru.

(9) Il-Kummissjoni eżaminat dawk il-miżuri flimkien mal-Bulgarija, u l-Kummissjoni hija sodisfatta li l-konfini taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Bulgarija, jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-azjenda tal-pollam fejn ġiet ikkonfermata t-tifqigħa l-ġdida.

(10) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u biex jiġu evitati l-ostakli għall-kummerċ mhux ġustifikati u imposti minn pajjiżi terzi, jeħtieġ li fil-livell tal-Unjoni, flimkien mal-Bulgarija, jiġu deskritti malajr iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fil-Bulgarija, skont id-Direttiva 2005/94/KE, wara t-tifqigħa l-ġdida tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'dak l-Istat Membru.

(11) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 tiġi aġġornata sabiex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika aġġornata fil-Bulgarija marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja. B'mod partikolari, jenħtieġ li fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 jiġu elenkati ż-żoni l-ġodda ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fil-Bulgarija li ġew stabbiliti u li issa huma soġġetti għar-restrizzjonijiet skont id-Direttiva 2005/94/KE.

(12) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 jiġi emendat sabiex tiġi aġġornata r-reġjonalizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu inklużi ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fil-Bulgarija, skont id-Direttiva 2005/94/KE, wara t-tifqigħa l-ġdida tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'dak l-Istat Membru, u kemm se jdumu r-restrizzjonijiet applikabbli fihom.

(13) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 tiġi emendata skont dan.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

---

([1]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/821 tal-1 ta' Ġunju 2018 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L 137, 4.6.2018, p. 35).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ġunju 2018.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/247 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti A, l-entrata għall-Bulgarija hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Stat Membru: Il-Bulgarija**

| Żona li tinkludi: | Data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2005/94/KE |
|---|---|
| Ir-reġjun ta' Dobrich: | |
| Il-muniċipalità ta' Dobrich<br>— Donchevo<br>— Bogdan<br>— Opanets | 21.7.2018" |

(2) Fil-Parti B, l-entrata għall-Bulgarija hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Stat Membru: Il-Bulgarija**

| Żona li tinkludi: | Data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE |
|---|---|
| Ir-reġjun ta' Dobrich: | |
| Il-muniċipalità ta' Dobrich:<br>— Stefanovo | Mit-18.6.2018 sat-30.7.2018 |
| — Donchevo<br>— Bogdan<br>— Opanets | Mill-21 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Lulju 2018 |
| Il-muniċipalità ta' Dobrich:<br>— Pchelino<br>— Popgrigorovo<br>— Slaveevo<br>— Sokolnik<br>— Stozher | 26.6.2018 |
| Il-muniċipalità ta' Dobrich:<br>— Stefanovo<br>— Branishte<br>— Dobrich<br>— Dolina<br>— Draganovo<br>— Novo Botevo<br>— Odrintsi<br>— Plachidol<br>— Vedrina<br>— Vrachantsi<br>— Zlatia<br>— Malka Smolnitsa | 30.7.2018" |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT